ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 06 IL-ERBGĦA 1 TA' AWWISSU 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Erbgħa 01 ta' Awwissu 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi (fis-6.30pm), Robert Reno Cremona, Jason Busuttil (fis-6.45pm), Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia (fis-6.10pm), Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**06/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 05**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 05 li nżammet nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien Kunsilliera (08) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 05 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**06/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**06/02/01** **Is-Sindku** infurmat lill-Kunsill li ser toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex issir *Bill-Board* fi Triq Mdina.

**06/02/02** **Is-Sindku** infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mill-familja Hyzler dwar il-monument għat-tabib Hyzler fejn wara li l-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel bust, il-familja lesta li tħallas id-differenza sabiex minflok isir monument bil-figura sħiħa. Il-Kunsill se jinforma lill-familja Hyzler li l-Kunsill jaċċetta li jsir dan il-monument sakemm dan isir tal-bronż, iżda il-Kunsill jiffinanzja biss daqs kemm jiswa bust.

**06/02/03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** attenda għal-laqgħa tal-Kunsill fis-6.10pm.

## 06/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' LULJU 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju 2012
**b)** *Bank Payments* Lulju 2012
**c)** *Petty Cash* Lulju 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 06/04 MOZZJONIJIET

### 06/04/01 MOZZJONI 32/2012(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru32/2012 (VI).

"Peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess li jagħti importanza lill-aspett kulturali u jibqa' jfakkar lil dawk il-Qriema li ħadmu f'dan il-qasam li matul il-ħidma volontarja tagħhom ħallew ħajjithom.

Nipproponi biex il-Kunsill jagħmel mafkar li jfakkar il-vittmi tal-kmamar tan-Nar ta' San Bastjan fi Ġnien De La Cruz u lill-Vittimi tal-kmamar tan-Nar ta' San Ġorġ fi Ġnien Frederico Maempel.

Għaldaqstant nipproponi li:

1. Issir riċerka dwar min huma dawn il-vittmi.

2. Il-Kunsill Lokali jibda l-proċess billi jqabbad lill-Perit tal-Kunsill jagħmel disinn u japplika MEPA għal dan il-mafkar.

3. Issir lejla ta' Tifkira fil-kxif tal-mafkar fejn jiġu mistiedna l-familjari u l-ħbieb ta' dawn il-vittmi.

**Il-Viċi-Sindku** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-Disgħa (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 32/2012 (VI). Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jiġu avviċinati iż-żewġ kmamar tan-nar rigward il-possibilta' li jsir monument wieħed għall-vittmi taż-żewġ kmamar tan-nar fi Triq il-Mejjilla. F'każ li ma jintlaħaqx ftehim il-Kunsill għandu jipproċedi li jsiru żewġ monumenti kif msemmi fil-Mozzjoni 32/2012 (VI)**

**06/04/02 MOZZJONI NRU 34/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru 34/2012 (VI).

"Peress li l-Kunsill ilu jirċievi ilmenti mir-residenti u sidien ta' garaxxijiet ta' Triq il-Mitħna li ma jkollhomx aċċess minħabba t-tpoġġija ta' gabbani fil-festa ta' San Ġorġ;

Nipproponi biex l-Kunsill jibda l-proċedura ħalli dawn il-gabbani lill-Kunsill jagħti l-permess fi Triq il-Mitħna, bejn Triq il-Wied u Triq San Franġisk, jiġu rilokati għal Triq il-Wied."

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 34/2012 (VI). Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jirreġistra li ser jressaq mozzjoni f'seduta sussegwenti sabiex jinbidel il-post ta' gabbani oħrajn fil-festa ta' San Bastjan.**

**06/04/02** **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** attenda għall-laqgħa fis-6.30pm.

**06/04/03 MOZZJONI NRU 33/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni Nru 33/2012 (VI).

Peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess li jagħti importanza lill-aspett kulturali u dak sportiv;

Wara r-riżultat pożittiv li kiseb it-tim tal-futbol lokali fl-FA Trophy u sabiex inkomplu ninkoraġġixxu lil dan l-istess tim;

Nipproponi biex il-Kunsill jagħmel monument żgħir ~~bis-simbolu ta' tifel jilghab il-futbol liebes il-flokk ta' Qormi FC, fir-roundabout ta' Triq il-Belt Valletta ma' Triq il-Kanun, peress li din ir-roundabout tinsab vojta u taghti lok ghall-abbuzi tas-sewqan~~ li jirrappreżenta l-isport f'Ħal Qormi

Għaldaqstant nipproponi li:

1. Issir konkors miftuħ għall-artisti għal disinji ta' dan il-monument.

2. Il-Bord magħmul mill-Kunsill għall-għażla tal-aqwa disinn ikun kompost minni bħala Chairperson, mill-kunsilliera responsabbli mill-iSport Antoine Saliba u Margaret Mercieca, mill-Perit tal-Kunsill u rappreżentant minn ~~Qormi FC~~ minn kull għaqda sportiva lokali.

3. Il-Kunsill Lokali jibda l-proċess billi jqabbad lill-Perit tal-Kunsill jagħmel disinn u japplika MEPA għal dan il-mafkar.

4. Issir lejla ta' Tifkira fil-kxif tal-Monument fejn jigu mistiedna ~~Qormi FC u Qormi FC Youth Nursery.~~ Rappreżentanti tal-għaqdiet sportivi lokali.

Is-Sindku xtaqet temenda l-mozzjoni fejn it-tielet paragrafu u punt numru 2 kif indikat hawn fuq.

**Il-Sean Meli** ssekonda din il-mozzjoni kif emendata

**Ivvutaw Favur il-Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 33/2012 (VI).**

**06/04/04 MOZZJONI NRU 35/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Antoine Saliba Haig** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 35/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq il-mozzjoni :-

"Bil-ħsieb li qabel jinbdew il-kampjonati sportivi ġewwa Malta, bħala Kunsill norganizzaw attivita' fejn inlaqqgħu l-isportivi kollha f'kull sport li Ħal Qormi huwa rappreżentant permezz ta' tim. Din l-attivita' hija bil-għan li ssir fil-bidu ta' permezz ta' quddiesa ġewwa l-Kappella Sagra Familja n-naħa ta' Farżina ~~u kif ukoll wara ssir reception zgħira fil-pjazza ta' ħdejn il-Flats tal-Gvern ġewwa l-istess naħa~~.

Għal din l-attivita' jiġu mistiedna wkoll eks plejers li lagħbu ma' timijiet minn Ħal Qormi. Fl-okkażjoni tal-50 sena tal-Klabb tal-Futbol Qormi FC jiġu mistiedna dawk l-eks plejers u uffiċjali ta' tul iż-żmien. Is-Sur Leli Fabri jista' jikkordina din l-attivita' fir-rigward ta' eks plejers."

Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig emenda l-mozzjoni kif indikat hawn fuq.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 35/2012 (VI).**

06/04/05 **Il-Kunsillier Jason Busuttil** attenda għal-laqgħa fis-06.45pm

**06/05 RAPPORTI**

**06/05/01 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – KORSIJIET TAL-KOMPJUTER**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar il-Korsijiet tal-Kompjuter li ġie moqri.

**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ippropona mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li s-sejħa taqa' u terġa' toħroġ sejħa oħra mill-ġdid fejn għandu jkun hemm speċifikazzjonijiet aktar ċari bin-numru ta' siegħat indikati mis-sejħa u mhux jiġi pproposti mill-kuntratturi.

Il-**Kunsillier Antoine Saliba** Haig issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva dan ir-Rapport. Il-Kunsill qabel unanimament li għas-sejħa tal-offerta li jmiss jitqabbad is-Sur Dennis Zammit bħala konsulent tal-Kunsill sabiex jassistina fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta u jkun parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.**

**06/05/02 RAPPORT MILL- KUMITAT TAL-FINANZI**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport ippreparat mill-Kumitat tal-Finanzi, li ġie moqri waqt is-seduta. **DOK 'C'**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ippropona mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport tal-Kumitat tal-Finanzi.

Il-**Kunsillier Sean Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva dan ir-Rapport.**

**06/05/03 FTEHIM – KAMRA FI ĠNIEN ARMIER**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz ta' ftehim li l-Kunsill se jagħmel mal-*Baden Powell Association* sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-kamra li hemm fi Ġnien l-Armier. **DOK 'D'**

**Il-Kunsill approva *nem.con* dan id-dokument fejn dan il-ftehim għandu jkollu terminu ta' tlett snin li iżda jistaa jiġi tterminat b'effett immedjat jekk tinkiser xi klawsola tiegħu.**

**06/05/04 RAPPORT DWAR LAQGĦA MAL-KAPIJIET TAL-ISKEJJEL U L-PRINĊIPAL TAL-KULLEĠĠ SAN INJAZJU**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-Rapport dwar laqgħa li saret mal-Kapijiet tal-iskejjel u l-Prinċipal tal-Kulleġġ, liema rapport ġie moqri waqt is-seduta. **DOK 'E'**

**Il-Kunsill approva *nem.con* dan id-dokument.**

**06/05/05 RAPPORT DWAR IR-REĠJUN NOFSINHAR**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** li huwa r-rappreżentant permanenti fuq ir-Reġjun irrapporta li fir-Reġjun ġie approvat li l-Kunsilli Lokali li jagħmlu parti minn dan ir-Reġjun jistgħu jagħmlu użu minn sagħtejn fix-xahar minn servizz ta' *Eco Warden* għas-spejjeż tar-Reġjun. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina spjega li huwa ivvota kontra għaliex dan l-ammont huwa redikolu, iżda żamm xorta d-dritt li l-Kunsill jagħmel użu mis-sagħtejn deċiżi mir-Reġjun**.**

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** kompla li fir-Reġjun tqajjem il-punt dwar is-CCTV fejn kien hemm Kunsill Lokali ieħor li talab li jiġu installati CCTV għal sorveljanza. Il-Viċi-Sindku fakkar lir-Reġjun li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi kien diġa ressaq talba quddiem ir-Reġjun għal din is-sistema ta' CCTV biex ikun hemm sorveljanza u infurzar fil-ġonna.

**06/05/06 RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI: – ĠBIR TA' SKART GOFF**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar l-Offerta ta' Ġbir ta' Skart Goff li ġie moqri.

**DOK 'E1'**

**Is-Sindku Rosiannet Cutajar** ipproponiet mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-Rapport fejn il-Bord irrakkomanda li il-kuntratt ta' ġbir ta' skart goff, li għandu jibda mill-1 ta' Settembru 2012, u jispiċċa 2013, li jista' jiġġedded għall-massimu ta' tlett snin, jingħata lis-Sur Owen Borg.

Il-**Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva dan ir-Rapport.**

**06/05/07** **Il-Kunsillier Charles Farruga** ġie skużat fis-7.40pm minħabba impenji oħrajn.

**06/05/08** **Il-Kunsilliera Ralph Puli u Margaret Mercieca** ġew skużati fis-7.44pm minħabba impenji oħrajn.

**06/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-6**

1. Talbiet għall-Bollards –

Triq Bellić

Il-Kunsill iddeċieda b’mod unanimu biex minflok bollard issir kaxxa *keep clear* biex il-vetturi ma jipparkjawx eżattament mal-bankina. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

2. Ittra dwar *Pelican Lights* fi Triq il-Ħammieri fejn qed jiġi ppropost li jsiru miżuri oħrajn sabiex jitnaqqas l-abbuż ta’ *overspeeding*, fosthom li titwessa‘ l-bankina u anke biex il-proposta tal-*Pelican Lights* tinżel aktar ‘l isfel. Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina xtaq jgħid li l-Kunsill kien ressaq tlett talbiet oħrajn ta’ *Pelican Lights*, għal Triq l-Imdina, Triq il-Mitħna, Triq Luqa. Huwa kompla li fir-rigward tal-*Pelican Lights* ta’ Triq il-Ħammieri, l-Kunsill kien ġie infurmat minn Transport Malta li din ser issir fil-post li qed jsir ilment dwaru f’din l-ittra. Il-Viċi-Sindku kompla li għaldaqstant ma kienx il-Kunsill li għażel is-sit iżda kienet it-Transport Malta li għażlet is-sit skont l-*expertise* tagħhom. Fir-rigward tar-*road humps*, il-Viċi-Sindku qal li dan ħadd ma jridhom quddiem biebu imma fi triq bħal dik kienu bżonnjużi u saru dejjem bil-permess tat-TM. Il-Viċi-Sindku ikkonkluda billi jipproponi li ssir laqgħa ma’ Transport Malta bil-parteċipazzjoni tar-residenti rigward din il-materja. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi sostna li huwa jaqbel ma’ diversi punti msemmija fl-ittra u jipproponi li l-proposta msemmija fl-ittra tintbagħat lit-Transport Malta sabiex naraw il-ħsibijiet tagħhom u ssir konsultazzjoni mar-residenti taz-zona. Il-Kunsill iddeċieda li l-ittra tinbagħat lit-Transport Malta u tintalab laqgħa biex issir aktar diskussjoni fejn possibilment jiġu mistiedna r-residenti li ressqu din l-ittra.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** ġie skużat fit-8.26 pm minħabba impenji ta’ xogħol.

3. Petizzjoni mir-residenti ta’ Triq Fonzu Meli dwar problemi ta’ infurzar u dwar talba biex isir l-iskema ta’ parkeġġ kkontrallat bil-ħin. Il-Kunsill qabel li jgħaddi din il-petizzjoni lis-Supretendent tal-Pulizija u li jsir studju dwar possibilta’ ta’ introduzzjoni tal-iskema imsemmija hawn fuq.

4. Talba għal danni talli vettura baqgħet dieħla ġo bollard għal ħabta tad-disgħa ta’ filgħodu fi Triq Dun Ġwakkin Schembri li twaħħlet għall-attivita’ li saret f’dik it-triq. Il-Kunsill ħa nota tal-ittra.

5. Talba għal danni talli vettura għamlet xi ħsarat f’ħofra fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill ħa nota tal-ittra.

6. Talba mis-sidien tal-ħwienet ta’ Triq San Bartilmew sabiex isir parkeġġ bil-ħin. Il-Kunsill ma qabilx.

## 06/07 INFORMAZZJONI

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** talab lill-Kunsill biex iressaq talba formali lit-Transport Malta u lill-Arriva sabiex jiġi diskuss is-servizz tat-Trasport Pubbliku minħabba li minn wara r-riforma fir-rotot inħolqu inkonvenjenzi lill-bosta residenti u nies oħrajn li jżuru il-belt tagħna.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq ilment dwar estenzjoni ta’ linji sofor għall-garaxx fi Triq l-Aħwa Zammit. Il-Kunsill għandu jinvestiga l-każ u jieħu azzjoni skont il-każ.

## 06/08 AĠĠORNAMENT

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 3 ta' Settembru 2012 fis-7:00 ta’ fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-8:40 ta’ fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta’ ...................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)